# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 7 ta' 2023, miżmuma nhar it-13 ta' Ġunju 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u ħamsa u għoxrin minuta ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

- Anne Marie Fenech Adami — Naxxar LC — Viċi President
- Paul Vella — Mġarr LC (Online) — Membru
- Trevor Fenech — San Ġwann LC (Online 19:15hrs) — Membru
- Alfred Grima — San Pawl il-Baħar LC — Membru
- John Buttigieg — Mellieħa LC — Membru
- Chris Grech — Mosta LC — Membru
- Kyle Mifsud — Mtarfa LC — Membru

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

- Clifford Galea Vella — President
- Angelo Micallef — Balzan LC — Membru
- Stephen Cordina — Attard LC — Membru

## - 3.1 Komunikazzjoni mil-President

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

## 5.1 Komunikazzjoni

5.1 – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' spejjeż relatati maż-żjara għall-EU Regions and Cities Week f'Ottubru. Kien propost li l-membri biss li jitilgħu u mhux tkun estiża għall-kunsilliera. Anne Marie Muscat Fenech Adami issuġġeriet li r-Reġjun iġib il-lista ta' suġġetti li ser ikunu mitkelma fi Brussell. Alfred Grima is-sekkonda il-mozjoni. Il-membri qablu li r-Reġjun iħallas iż-żjara tal-membri biss. Fir-rigward tal-Budget propost għall-ivjaġġar, wara li saret diskussjoni, kien deċiż li l-ewwel jintuża l-fond li hemm u jekk ikun hemm bżonn jerġa jiġi diskuss iktar 'il quddiem.

5.2. Il-Viċi President Anne Marie Muscat Fenech Adami qalet li r-Reġjun kien mistieden jattendi laqgħat Sqallija, u li s-Sur Clifford Galea kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv jikkonferma. Il-Viċi President qalet li minħabba li s-suġġet ma ġiex diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun, ma ħassithiex li għandha titla u għalhekk talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex ma jattendux. Il-vjaġġ kien diġa mħallas, għalhekk talbet li l-ispejjeż ikunu mħallsa. John Buttigieg qal li l-ispejjeż ta' dan il-vjaġġ xorta saru u ssekonda din il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

5.3 GIS (Geographic Information System). Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-aċċess għall-GIS kien ingħata, iżda s'issa għad m'hemmx aċċess għad-data tad-diversi awtoritajiet. Bjorn Bonello qed jaħdem biex inkunu nistgħu nużaw din is-sistema.

5.4 – Rimi ta' Kompjuters antiki. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta dokument bid-dettalji ta' numru ta' kompjuters mixtrija fl-2012 li kienu spiċċaw. Talab biex dawn jintremew u jinqatgħu mil-lista. Kyle Mifsud talab li jkun hemm ritratti tagħhom annessi mad-dokument. Is-segretarju Eżekuttiv qal li filfatt, ir-ritratti kienu ttieħdu u ser jitpoġġew mad-dokument. Il-membri qablu unanimament mat-talba.

5.5 - Skema LESA Festi – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta komunikazzjoni mil-Lesa u AKL, fejn il-Lesa ser talloka fond ta' 100 elf Ewro biex tassisti l-Kunsilli Lokali fil-festi u attivitajiet tal-komunita`. Dan il-fond ikopri spejjeż relatati ma' uffiċjali tal-infurzar, Civil Protection u Barriers li jintużaw f'dawn l-attivitajiet. John Buttigieg ippropona li r-Reġjun jalloka €10K lil kull Kunsill. Jekk ikun hemm fondi li xi Kunsill mhux ser juża, dawn jistgħu jintużaw fuq Kunsilli oħra. Alfred Grima issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

5.6 - Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-risposta mfasla fliemkien mal-accountant ghar-rapport ta' l-Awditur. (Kopja annessa mad-documenti mibawta.) il-membri qablu mat-tweġiba u talbu lis-Segretaju Esekutiv jibgħta lil-Awditur Ġenerali.

**7.3 Kultura –** Marcon Borg Caruana spjegat li kienet itellgħet l-ewwel laqgħa Te ma' tat-Tramuntana li serviet biex tibda diskussjoni reġjonali fuq il-kultura. Hija nfurmat lill-membri li kienet qiegħdha tirriżenja mill-pożizzjoni tagħha u ser tieqaf fl-aħħar tax-xahar. Il-Viċi President irringrazzjat lis-Sa Borg Caruana tal-ħidma u l-għajnuna tagħha u awguratilha għall-futur. Il-membri wkoll irringrazzjawha.

**7.5 Estenzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv.** Is-SE talab lill-membri biex jestendu t-term tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Kristina Camilleri għat-tliet xhur li jmiss. Il-membri qablu unanimament.

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 161 kienet ippreżentata. John Buttigieg ippropona li tkun approvata. Alfred Grima issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta, 18 ta' Lulju 2023, fis-sitta ta' filgħaxija.

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Viċi President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tlieta 18 ta' Lulju 2023



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt